Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI**

Transport Malta



# L-UŻU TAR-ROTA U L-MIXI

*Iż-żmien itir, u kif jintemmu l-vaganzi tas-sajf inkunu ħerqana biex nibdew sena skolastika oħra.*

Permezz ta' dawn il-paġni se naqsam magħkom informazzjoni interessanti li tajjeb li tkunu aġġornati biha. Ħafna minnkom issa sirtu tafuni sew, minħabba l-kitba f'din ir-rivista jew għax iltqajna waqt iż-żjarat li nagħmel sikwit fl-iskejjel.

Suġġett li hu għal qalbi immens hu dak li nsejħulu "trasport sostenibbli". Imma x'nifhmu b'din il-kelma?

Inkunu qed nirreferu għal mezzi ta' trasport u vjaġġar alternattiv li ma jħallux impatt negattiv fuq l-ambjent ta' madwarna, għax huma mezzi aktar nodfa u ma jużawx fjuwils jew kimiki li kapaċi jkunu ta' detriment kemm għall-ambjent kif ukoll għall-bijodiversità tagħna. B'hekk inkunu qed inħarsu u nieħdu ħsieb il-futur ta' kull wieħed u waħda minna, u b'responsabiltà nkunu qed ngħinu lill-ambjent ta' madwarna jisbieħ u jikber aktar. Fost l-eżempji ta' tipi ta' trasport sostenibbli nsibu l-użu tar-rota kif ukoll il-mixi. Allura dawn għaliex huma importanti?

Tabilħaqq l-użu tar-rota u l-mixi jgħinuna wkoll sabiex innaqqsu t-traffiku u l-konġestjoni fit-toroq tagħna, u fuq kollox bihom ngħinu lid-dinja u l-ambjent tagħna jieħu n-nifs bżonjuż u neliminaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera tagħna.

Tgħiduli imma jekk aħna t-tfal ma nsuqux, kif se nkunu qed nagħmlu din id-differenza? Iva, intom ukoll parti mill-bidla li għandna bżonn nagħmlu flimkien! Nistgħu ngħinu billi nagħżlu li nsuqu r-rota jew immorru bil-mixi biex nagħmlu xi qadja fil-lokalità tagħna, minflok nistennew lill-ġenituri jeħduna bil-karozza. Hekk isservu wkoll ta' eżempju tajjeb għall-ġenituri u tfakkruhom li fejn nistgħu għandna dejjem nużaw mezzi alternattivi ta' trasport. Fost benefiċċji oħra relatati mal-użu tar-rota u l-mixi nsibu dawk fiżiċi u psikoloġiċi, u nżommu f'moħħna li fl-istess ħin inkunu qed naħdmu favur ambjent aktar nadif. Dan kollu jkun qed jikkontribwixxi għal stil ta' ħajja aħjar. Fattur importanti li għandna dejjem inżommu f'moħħna huwa li meta nużaw ir-rota għandna dejjem nużaw il-helmet, in-knee pads u l-arm pads għal raġunijiet ta' sigurtà, waqt li nsegwu d-direzzjonijiet u nobdu s-sinjali tat-traffiku. Hu essenzjali li wieħed iżomm f'moħħu li kull mezz alternattiv ta' trasport, minbarra l-mixi, jeħtieġ li jsegwi r-regoli tat-traffiku biex b'hekk naċċertaw li nkunu aktar sikuri fit-toroq.

Il-mixi u l-użu tar-rota huma prassi komuni ħafna fi bliet kbar. Għalhekk huwa tajjeb ukoll li f'Malta, bħala gżira żgħira, nisfruttaw il-vantaġġi li għandna fuq pajjiżi oħra, fejn id-distanzi huma ħafna itwal u l-kundizzjonijiet tat-temp huma ħafna aktar iebsa. Bħalissa l-kunsilli lokali qed jiġu offruti inċentivi biex jinħolqu spazji miftuħa fejn dawk li jivvjaġġaw ikunu jistgħu jimxu liberament fil-pjazez tagħhom f'ħinijiet partikolari, bħal fi tmiem il-ġimgħa jew fil-festi pubbliċi.

Bħala l-awtorità responsabbli Transport Malta wkoll għandha rwol importanti fejn jidħlu l-użu tar-rota u l-mixi. Dan jirrifletti fi proġett li tnieda s-sena l-oħra, b'kollaborazzjoni ma' EIT Urban Mobility, il-Kulleġġ San Injazju, l-iskola primarja tas-Siġġiewi minn Malta, Col·legi Sant Ramon Nonat ta' Barċellona fi Spanja u Rīgas 45.vidusskola ta' Riga fil-Latvja. Grazzi għal dan il-proġett it-tfal tal-lokalità ġew imħeġġa jmorru l-iskola bil-mixi. F'din l-inizjattiva, minbarra l-istudenti, l-amministrazzjoni tal-iskola u l-ġenituri tagħhom ħadu sehem ukoll il-pulizija tal-komunità, il-gwardjani lokali, bosta kunsilli lokali u anke membri oħra mill-komunità kollha. Għaldaqstant nixtieq nieħu din l-opportunità biex inħeġġeġ aktar skejjel jieħdu din l-inizjattiva matul din is-sena skolastika, inizjattiva li fiha l-komunità kollha tista' tinvolvi ruħha biex tagħmel differenza.

Inizjattiva annwali oħra fid-djarju ta' Transport Malta hija l-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà. Għall-ewwel darba din is-sena l-iskejjel huma mħeġġa jipparteċipaw. Tnedew żewġ inizjattivi separati, waħda relatata maċ-ċikliżmu aktar sikur u l-oħra tiffoka fuq is-sigurtà fit-toroq għall-anzjani tagħna.

Nittama li dan l-artiklu kien interessanti u li tnissel fikom ħsieb sabiex nibdew nivvjaġġaw aktar bil-mixi u nużaw ir-rota biex nivvjaġġaw minn post għal ieħor. Inħeġġiġkom ukoll iżżuru l-website tagħna futuremobility.gov.mt u tipparteċipaw fl-inizjattivi mħejjija minn diversi organizzazzjonijiet u kunsilli lokali għall-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà, filwaqt li tistgħu tagħmlu kuntatt magħna bl-indirizz sustainablemobility.tm@transport.gov.mt. Ejjew flimkien nagħmlu l-parti tagħna u nikkontribwixxu għal futur aktar sostenibbli u napprezzaw mezzi ta' trasport alternattiv u aktar nadif.